Ufficċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*27 ta' Ġunju, 2012*

79/2012

**MESSAĠĠ TAL-ARĊISQOF PAWLU CREMONA O.P.**

**WAQT IL-*BUSINESS BREAKFAST* 'L-ETIKA FIL-MEDIA'**

**FL-OKKAŻJONI TAL-JUM DINJI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI 2012**

Grazzi li lqajtu l-istedina tagħna għaliex il-*media* dejjem kienet fl-interess tiegħi għax nemmen li l-Knisja f'dinja ta' komunikazzjoni hi fi dmir li tidħol fi djalogu man-nies tal-*media* biex issib l-aħjar mod possibbli ħalli twassal il-messaġġ tagħha ta' verità. U għalhekk infittex li niltaqa' magħkom regoralment fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali.

Fil-messaġġ tiegħu għal din is-sena Papa Benedittu XVI joffrilna sfida mhux tas-soltu. Ghaliex filwaqt li fil-komunikazzjoni nfittxu li nsemmgħu leħinna, il-Papa jitkellem fuq is-silenzju. Il-Papa jisħaq li daqskemm hija importanti l-kelma fil-komunikazzjoni, daqshekk ieħor hu importanti s-silenzju. Għax min jitkellem biss u ma jismax dak li jixtieq jgħid ħaddieħor, ma jkunx qed jikkomunika, imma jiddetta. U biex tisma' trid tiskot. Ghalhekk il-kelma u s-silenzju huma interdipendenti fil-komunikazzjoni u f'kull djalogu. Fi kliem il-Papa, "li titgħallem tikkomunika jfisser titgħallem tisma' u tikkontempla, daqskemm li titgħallem titkellem."

Tikkontempla tfissser tieqaf u tirrifletti fis-silenzju. Jenħtieġ li nixtarru dak li nisimgħu u naraw fil-*media*, jekk irridu naslu biex insibu l-verità, għax mhux kull min jikkomunika bilfors għandu l-aġenda tal-verità. It-tfittxija għall-verità qed issir kruċjali fil-*media.* Biżżejjed issemmi l-internet, b'mod partikulari n-*networks* tas-*social media*, biex tinduna kemm hemm għatx għall-verità. Hija r-responsabbiltà ta' kull min juża dawn il-mezzi biex jikkomunika, li jfittex li jasal u jwassal għall-verità.

Aħna nemmnu li Alla għandu l-verità sħiħa. Għalhekk mingħajr Alla ma nistgħux naslu għall-verità. Alla li jikkomunika mal-bniedem, jagħmel dan fis-silenzju.

Fi kliem il-Papa: "Nenħtieġu dak is-silenzju li jsir kontemplazzjoni, li jdaħħalna fis-silenzju t'Alla u jwassalna għall-punt fejn il-Kelma, il-Kelma li ssalva, issir bniedem." Ġesù Kristu, il-Kelma t'Alla li sar bniedem, huwa l-komunikazzjoni perfetta ta' Alla magħna.

Nistieden lilkom ilkoll, fil-karigi għoljin tagħkom f'dan il-qasam, biex issibu l-ħin li tieqfu fis-silenzju u tikkontemplaw il-verità assoluta. Inżommu quddiem għajnejna li ċ-ċentru tal-komunikazzjoni huwa l-bniedem, li  kull min jaħdem fil-*media* jrid jaqdi. Nemmen li jekk nagħmlu din ir-riflessjoni naslu biex niskopru l-verità fil-komunikazzjoni u nwassluha lil min għandu l-għatx għaliha fid-dinja tal-lum.

Is-sena li ġejja ser toffri diversi sfidi lis-soċjetà tagħna li fihom il-*media* ser ikollha, bħal dejjem, rwol importanti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn kulħadd jipprova jsemma' leħnu kemm jista' u ninsew l-importanza tas-silenzju li jwassalna biex insibu l-verità. Is-sena d-dieħla ser tkun importanti għall-Knisja wkoll għaliex ser tkun qed tiċċelebra s-sena tal-Fidi. Inħallu l-fidi tagħna tressaqna aktar lejn Alla li hu l-verità, biex f'ismu nfittxu dak li jkun ta' ġid għal kull membru tas-soċjetà tagħna.

Nieħu wkoll din l-okkażjoni biex nirringrazzjakom tal-kollaborazzjoni tagħkom mal-*media* tal-Knisja għas-servizz tal-verità.

✠ **PAWLU CREMONA O.P.**
**Arċisqof ta' Malta**

---

*Il-Messaġġ tal-Arċisqof inqara minn Mons. Lawrence Gatt (Aġent-Vigarju)*